# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*

**2007/0247(COD)**

11.6.2008


# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet
(COM(2007)0697 – C6-0427/2007 – 2007/0247(COD))


Rapporteur għal opinjoni: Ignasi Guardans Cambó

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Permezz tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-midja awdjoviżivi, l-UE tat messaġġ b'saħħtu bl-intenzjoni li tiżgura l-aħjar kundizzjonijiet ta' kompetittività u ċertezza legali għat-teknoloġiji ta' l-informatika u l-komunikazzjoni Ewropea u għall-industriji u s-servizzi medjatiċi tagħha, kif ukoll għar-rispett tad-diversità kulturali u lingwistika. Hemm bżonn li r-reviżjoni attwali tal-"pakkett tat-telekomunikazzjonijiet" tinqara u tkun emendata bl-istess spirtu u intenzjonijiet politiċi. Hemm bżonn li jinstab l-aħjar bilanċ possibbli fost il-bżonnijiet ta' l-utenti attwali u futuri kollha ta' netwerks elettroniċi, l-interessi kummerċjali leġittimi tagħhom u l-preokkupazzjonijiet dwar il-politika pubblika ta' interess ġenerali, kif ukoll id-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi.

Il-frekwenzi tar-radju huma riżorsa pubblika skarsa li għandha valur importanti ħafna għall-pubbliku u fis-suq, imma huma wkoll essenzjali biex ikunu ssodisfati xi għanijiet ta' politika pubblika ta' interess ġenerali. Għalhekk, hemm bżonn li l-ispettru ma jkunx immaniġġjat biss b'mod effiċjenti u effettiv, iżda wkoll bl-attenzjoni dovuta għall-interess pubbliku minn perspettiva ekonomika, soċjali jew kulturali. F'dan il-kuntest, għandhom jiġu imposti xi restrizzjonijiet għall-prinċipji tan-newtralità tas-servizz, u l-impatt tagħha fuq it-trasferiment ta' drittijiet individwali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju. L-irwol ta' l-Istati Membri f'dawn id-deċiżjonijiet dwar politika ta' interess pubbliku irid ikun irrispettat.

L-importanza li jitħarsu dawk li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, u b'mod partikulari dawk li jipprovdu servizzi tal-midja awdjoviżivi, minn interferenza li tagħmel ħsara ma tistax tiġi ssottovalutata. Għal dan il-għan se jkun hemm bżonn ta' xi tibdil żgħir fit-test, sabiex ir-regolament Ewropew dwar l-ispettru jitqiegħed kif jixraq fil-kuntest ta' deċiżjonijiet u strumenti oħra internazzjonali li jorbtu u li ma jistgħux jiġu injorati.

Fl-aħħar nett, qed issir proposta biex jiġi enfasizzat l-irwol indispensabbli ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fil-ħarsien u l-promozzjoni ta' kontenut legali trażmess fuq netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 2 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Skond id-Direttiva 2007/65/KE, l-hekk-imsejħa "Direttiva tas-Servizzi tal-Midja Awdjoviżivi", saret reviżjoni bl-*** |

***intenzjoni li jkunu żgurati l-aħjar kundizzjonijiet għall-kompettitività u ċ-ċertezza legali għat-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-industriji u s-servizzi tax-xandir fl-UE, kif ukoll ir-rispett tad-diversità kulturali u lingwistika. F'dan il-kuntest, qafas regolatorju ġust u bbilanċjat għan-netwerks u s-servizzi għall-komunikazzjonijiet elettroniċi jservi bħala pilastru essenzjali tas-settur awdjoviżiv Ewropew kollu kemm hu.***

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 3 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Il-fehmiet ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, ta' dawk li għandhom sehem fl-industrija u ta' dawk li jipprovdu servizzi tal-midja awdjoviżivi għandhom jitqiesu mill-Kummissjoni meta jkunu qed jittieħdu deċiżjonijiet skond din id-Direttiva permezz ta' l-użu ta' konsultazzjoni effettiva biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-proporzjonalità. Il-Kummissjoni għandha toħroġ dokumenti ta' konsultazzjoni dettaljati, li jispjegaw l-azzjonijiet differenti li qed jiġu kkunsidrati, u dawk li għandhom sehem fil-qasam u li huma interessati għandhom jingħataw żmien raġonevoli biex jirrispondu. Wara li tkun ikkunsidrat ir-reazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li tirriżulta permezz ta' stqarrija wara l-konsultazzjoni, li tkun tinkludi deskrizzjoni ta' kif tqiesu l-fehmiet ta' dawk li rrispondew.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Hu essenzjali li l-fehmiet ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, ta' dawk li għandhom sehem fl-industrija u ta' dawk li jipprovdu servizzi tal-midja awdjoviżivi jitqiesu fid-deċiżjonijiet fil-livell Komunitarju, liema deċiżjonijiet għandhom ikunu trasparenti u proporzjonali għar-*

*riżultati li jridu jinkisbu.*

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Il-frekwenzi tar-radju għandhom jitqiesu bħala riżorsa pubblika skarsa ta’ valur importanti kemm pubbliku kif ukoll ***fis-suq***. ***Huwa fl-interess pubbliku li l-ġestjoni ta’ l-ispettru tar-radju tkun effiċjenti u effettiva kemm jista’ jkun*** mill-perspettiva ekonomika, soċjali u ambjentali, u ***li*** l-ostakli għall-użu effiċjenti tagħha jitneħħew b’mod progressiv. | (16) Il-frekwenzi tar-radju ***huma proprjetà ta' l-Istati Membri. Dawn*** għandhom jitqiesu bħala riżorsa pubblika skarsa ta’ valur importanti kemm pubbliku kif ukoll ***ekonomiku***, ***u li hija essenzjali biex ikunu ssodisfati ċerti għanijiet ta' politika pubblika ta' interess ġenerali. L-ispettru, għalhekk, għandu jiġi mmaniġġjat b'mod effiċjenti u effettiv, b'attenzjoni xierqa għall-interess pubbliku*** mill-perspettiva ekonomika, soċjali***, kulturali*** u ambjentali, u l-ostakli għall-użu effiċjenti tagħha ***għandhom*** jitneħħew b’mod progressiv. |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Il-frekwenzi tar-radju għandhom ikunu ġestiti b'mod li tiġi evitata l-interferenza li tagħmel il-ħsara. Dan il-kunċett bażiku ta’ l-interferenza ta’ ħsara għandu għalhekk ikun iddefinit kif jixraq biex ikun żgurat li l-intervent regolatorju jasal biss sa fejn ikun meħtieġ biex tkun evitata din l-interferenza. | (17) Il-frekwenzi tar-radju għandhom ikunu ġestiti b'mod li tiġi evitata l-interferenza li tagħmel il-ħsara. Dan il-kunċett bażiku ta’ l-interferenza ta’ ħsara għandu għalhekk ikun iddefinit ***billi jitqiesu l-pjanijiet eżistenti rigward il-frekwenzi mifthiema fil-livell internazzjonali*** biex ikun żgurat li l-intervent regolatorju jasal biss sa fejn ikun meħtieġ biex tkun evitata din l-interferenza. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-problemi ta' interferenza huma waħda mir-raġunijiet ewlenin għall-eżistenza ta' pjanijiet*

*għall-frekwenzi nazzjonali u internazzjonali. Billi l-frekwenzi jaqsmu l-fruntieri 'l barra mill-UE, iridu jkunu rrispettati l-ftehimiet li jorbtu fuq livell internazzjonali biex jiġu evitati l-interferenzi.*

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Il-flessibilità fil-ġestjoni ta' l-ispettru tar-radju u l-aċċess għall-ispettru tar-radju għandhom jiżdiedu permezz ta' awtorizzazzjonijiet newtrali fir-rigward tat-teknoloġija u s-servizz, sabiex l-utenti ta' l-ispettru tar-radju jkunu jistgħu jagħżlu l-aqwa teknoloġiji u servizzi li jridu japplikaw ***f'medda*** tal-frekwenzi (minn hawn 'il quddiem imsemmijin "il-prinċipji tan-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizz"). Id-determinazzjoni amministrattiva tat-teknoloġiji u s-servizzi ***għandha ssir l-eċċezzjoni u*** għandha ***tkun iġġustifikata b'mod ċar u soġġetta għal reviżjoni perjodika.*** | (20) Il-flessibilità fil-ġestjoni ta' l-ispettru tar-radju u l-aċċess għall-ispettru tar-radju għandhom jiżdiedu permezz ta' awtorizzazzjonijiet newtrali fir-rigward tat-teknoloġija u s-servizz, sabiex l-utenti ta' l-ispettru tar-radju jkunu jistgħu jagħżlu l-aqwa teknoloġiji u servizzi li jridu japplikaw ***f'meded*** tal-frekwenzi ***disponibbli għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi kif identifikati fit-tabelli nazzjonali ta' l-allokazzjoni tal-frekwenzi u r-Regolamenti ta' l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet (ITU) għar-Radju*** (minn hawn 'il quddiem imsemmijin "il-prinċipji tan-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizz"). Id-determinazzjoni amministrattiva tat-teknoloġiji u s-servizzi għandha ***tapplika meta jkunu involuti għanijiet ta' interess ġenerali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa sabiex tkun żgurata l-konsistenza legali mad-definizzjoni tan-newtralità tas-servizz proposta fl-Artikolu 9(4) tad-Direttiva ta' Qafas.*

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(21) L-eċċezzjonijiet għall-***prinċipju tan-newtralità tat-*teknoloġika* għandhom ikunu | **(21)** ***Ir-restrizzjonijiet rigward il-***prinċipju tan-newtralità tat-*teknoloġija* għandhom |

| | |
|---|---|
| ***limitati*** u ġġustifikati mill-ħtieġa li tkun evitata l-interferenza li tagħmel ħsara, per eżempju billi jkunu imposti masks għall-emissjoni ta' l-ispettru tar-radju u livelli ta' enerġija, jew biex tkun żgurata l-protezzjoni tas-saħħa pubblika billi jkun hemm limitu għal kemm il-pubbliku jesponi ruħu għall-kampijiet elettromanjetiċi, jew billi jkun żgurat l-użu komuni b'mod xieraq ta' l-ispettru tar-radju, b'mod partikulari meta l-użu tiegħu jkun soġġett biss għall-awtorizzazzjonijiet ġenerali, jew ***meta tkun meħtieġa b'mod strett il-konformità ma' eċċezzjoni għall-prinċipju tan-newtralità tas-servizz.*** | ikunu ***xierqa*** u ġġustifikati mill-ħtieġa li tkun evitata l-interferenza li tagħmel ħsara, per eżempju billi jkunu imposti masks għall-emissjoni ta' l-ispettru tar-radju u livelli ta' enerġija, jew biex tkun żgurata l-protezzjoni tas-saħħa pubblika billi jkun hemm limitu għal kemm il-pubbliku jesponi ruħu għall-kampijiet elettromanjetiċi, jew billi jkun żgurat l-użu komuni b'mod xieraq ta' l-ispettru tar-radju, b'mod partikulari meta l-użu tiegħu jkun soġġett biss għall-awtorizzazzjonijiet ġenerali, jew ***biex ikun hemm ir-rispett ta' għan ta' interess ġenerali f'konformità mal-liġi Komunitarja.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Tiżgura l-koerenza mat-test tad-direttiva li - għan-newtralità tat-teknoloġija - jirreferi għal "restrizzjonijiet" u mhux għal "eċċezzjonijiet". Ir-restrizzjonijiet m'għandhomx ikunu limitati għall-eċċezzjoni għall-prinċipju tan-newtralità tas-servizz iżda jridu jikkonformaw ma' l-għanijiet ta' interess ġenerali.*

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) L-utenti ta' l-ispettru tar-radju għandu jkollhom il-libertà li jagħżlu s-servizzi li jixtiequ joffru permezz ta' l-ispettru tar-radju, soġġetti għal miżuri tranżitorji biex ikun solvuti sitwazzjonijiet fejn id-drittijiet ikunu nkisbu minn qabel. ***Fejn meħtieġ, u skond il-proporzjonalità, għandha tkun possibbli l-awtorizzazzjoni ta' eċċezzjonijiet għall-prinċipju tan-newtralità tas-servizz li jkunu jeħtieġu*** li ***jkun*** ipprovdut servizz speċifiku biex jintlaħqu għanijiet ta' interess ġenerali ddefiniti b'mod ċar, bħalma huma s-sikurezza tal-ħajja, il-ħtieġa li titħeġġeġ il-koeżjoni soċjali, reġjunali jew territorjali, jew il-prevenzjoni ta' l-użu ineffiċjenti ta' l-ispettru tar-radju. Dawn l-għanijiet | (22) L-utenti ta' l-ispettru tar-radju għandu jkollhom il-libertà li jagħżlu s-servizzi li jixtiequ joffru permezz ta' l-ispettru tar-radju, soġġetti għal miżuri tranżitorji biex ikun solvuti sitwazzjonijiet fejn id-drittijiet ikunu nkisbu minn qabel. ***Min-naħa l-oħra,*** l-***użu ta' l-ispettru tar-radju jista' wkoll ikun assenjat espliċitament biex ikun*** ipprovdut servizz speċifiku ***jew permezz ta' teknoloġija speċifika*** biex jintlaħqu għanijiet ta' interess ġenerali ddefiniti b'mod ċar, bħalma huma s-sikurezza tal-ħajja, il-ħtieġa li titħeġġeġ il-koeżjoni soċjali, reġjunali jew territorjali, jew il-prevenzjoni ta' l-użu ineffiċjenti ta' l-ispettru tar-radju. Dawn l-għanijiet jinkludu wkoll il-promozzjoni ***ta' għanijiet*** |

| | |
|---|---|
| ***għandhom*** jinkludu wkoll il-promozzjoni ***tad***-diversità kulturali u lingwistika u l-pluraliżmu fil-mezzi ta' komunikazzjoni kif iddefiniti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali skond il-liġi Komunitarja. ***Għajr fejn hu meħtieġ għall-ħarsien tas-sigurtà tal-ħajja, l-eċċezzjonijiet ma għandhomx iwasslu għall-użu esklussiv għal ċerti servizzi, iżda għandhom jagħtu prijoritajiet sabiex servizzi jew teknoloġiji oħra jikkoeżistu fl-istess medda, safejn ikun possibbli. Biex il-parti awtorizzata tkun libera li tagħżel l-aktar mezz effiċjenti għat-twassil tal-kontenut tas-servizzi pprovduti permezz tal-frekwenzi tar-radju, il-kontenut ma għandux ikun irregolat fl-awtorizzazzjoni għall-użu ta' frekwenzi tar-radju.*** | ***kulturali u tal-politika medjatika bħad-***diversità kulturali u lingwistika u l-pluraliżmu fil-mezzi ta' komunikazzjoni kif iddefiniti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali skond il-liġi Komunitarja. |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Hija f'idejn l-Istati Membri l-kompetenza li jiddefinixxu l-ambitu u n-natura ***ta' kwalunkwe eċċezzjoni rigward*** il-promozzjoni ***tad***-diversità kulturali u lingwistika u l-pluraliżmu fil-midja, skond il-liġi nazzjonali tagħhom. | (23) Hija f'idejn l-Istati Membri l-kompetenza li jiddefinixxu l-ambitu u n-natura ***ta' kwalunkwe assenjazzjoni tal-frekwenzi tar-radju biex jiżguraw*** il-promozzjoni ta' ***għanijiet kulturali u medjatiċi bħad***-diversità kulturali u lingwistika u l-pluraliżmu fil-midja, skond il-liġi nazzjonali tagħhom***, il-pjanijiet rigward il-frekwenzi mifthiema fil-livell internazzjonali u l-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa sabiex tkun żgurata l-konsistenza legali fit-test ma' l-emenda proposta għall-Artikolu 9(4) tad-Direttiva ta' Qafas. Din l-emenda tikkumplementa l-emenda numru 6 tar-rapporteur.*

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(24) Billi l-allokazzjoni ta' l-ispettru tar-radju lil teknoloġiji jew servizzi speċifiċi hija eċċezzjoni għall-prinċipji tan-newtralità tat-teknoloġiji u tas-servizzi u tnaqqas il-libertà tal-għażla tas-servizz jew tat-teknoloġija wżata, kull proposta għal din l-allokazzjoni għandha tkun trasparenti u soġġetta għall-konsultazzjoni pubblika.*** | ***imħassra*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza legali mal-proposta għall-emenda għall-Artikolu 6(1).*

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 47 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(47a) Fejn huwa meħtieġ li jkunu adottati miżuri ta' armonizzazzjoni għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Komunità dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-ispettru tar-radju li jmorru lil hinn minn miżuri ta' implimentazzjoni teknika, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 49**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (49) L-introduzzjoni tar-rekwiżiti għan-newtralità tas-servizz u tat-teknoloġika fid-deċiżjonijiet dwar l-assenjazzjoni u l- | *(*49) L-introduzzjoni tar-rekwiżiti għan-newtralità tas-servizz u tat-teknoloġija fid-deċiżjonijiet dwar l-assenjazzjoni u l- |

| | |
|---|---|
| allokazzjoni, flimkien ma' possibbiltà ikbar ta' trasferiment tad-drittijiet bejn l-impriżi, għandha tkabbar il-libertà u l-mezzi biex titwassal il-komunikazzjoni elettronika u s-servizzi tal-midja awdjoviżiva lill-pubbliku, b'dan tkun ukoll iffaċilitata l-kisba tal-għanijiet ta' interess ġenerali. ***Għalhekk,*** ċerti obbligi ta' interess ġenerali imposti fuq ix-xandara biex iwasslu servizzi tal-midja awdjovizivi ***jistgħu jkunu ssodisfatti dejjem iktar mingħajr il-ħtieġa li jingħataw id-drittijiet individwali għall-użu ta' l-ispettru tar-radju. L-***użu ta' kriterji speċifiċi ***biex ikun assenjat l-ispettru tar-radju lix-xandara jkun iġġustifikat biss meta dan ikun*** essenzjali biex jintlaħaq għan ***partikulari*** ta' interess ġenerali stabbilit fil-liġi nazzjonali***. Il-proċeduri assoċjati ma' l-insegwiment ta' għanijiet ta' interess ġenerali għandhom fiċ-ċirkostanzi kollha jkunu trasparenti, oġġettivi, proporzjonati u mhux diskriminatorji.*** | allokazzjoni, flimkien ma' possibbiltà ikbar ta' trasferiment tad-drittijiet bejn l-impriżi, għandha tkabbar il-libertà u l-mezzi biex titwassal il-komunikazzjoni elettronika u s-servizzi tal-midja awdjoviżiva lill-pubbliku, b'dan tkun ukoll iffaċilitata l-kisba tal-għanijiet ta' interess ġenerali***.*** ***Madankollu,*** ċerti obbligi ta' interess ġenerali imposti fuq ix-xandara biex iwasslu servizzi tal-midja awdjovizivi ***jistgħu jeħtieġu l-***użu ta' kriterji speċifiċi ***fl-assenjazzjoni ta' l-ispettru, meta jidher li jkun*** essenzjali biex jintlaħaq għan ***speċifiku*** ta' interess ġenerali stabbilit fil-liġi nazzjonali. ***Il-proċeduri assoċjati ma' l-ilħiq ta' għanijiet ta' interess ġenerali għandhom fiċ-ċirkostanzi kollha jkunu trasparenti, oġġettivi, proporzjonati u mhux diskriminatorji.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Premessa 49 m'hijiex konsistenti mal-Premessa 23 jew ma' l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva dwar l-Awtorizzazzjoni. Hu importanti li jiġi rikonoxxut il-bżonn li jitqiesu l-għanijiet tal-politika kulturali u medjatika, kif stipulati mil-liġi nazzjonali. Il-formulazzjoni oriġinali wkoll hi aktar restrittiva mill-Artikolu 5(2) tad-Direttiva dwar l-Awtorizzazzjoni fir-rigward ta' l-għoti tad-drittijiet individwali ta' użu għas-servizzi tax-xandir.*

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 50**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (50) ***Sabiex ikun żgurat li ma jkunx hemm diskriminazzjoni, l-ebda utent ta' l-ispettru tar-radju m'għandu jkun eżentat mill-obbligu*** *li jħallas id-drittijiet jew it-tariffi* ***normali stabbiliti għall-użu ta' l-ispettru tar-radju.*** | *(50)* ***Kwalunkwe eżenzjoni totali jew parzjali mill-obbligu li jitħallsu*** *l-miżati jew l-ispejjeż stabbiliti għall-użu ta' l-ispettru* ***trid tkun oġġettiva u trasparenti u bbażata fuq l-eżistenza ta' obbligi ta' interess ġenerali oħra stipulati fil-liġi nazzjonali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri jrid jibqgħalhom il-possibilità li jżommu jew idaħħlu sistemi fejn l-obbligu li jitħallsu miżati għall-użu jiġi sostitwit minn obbligu li jkunu ssodisfati għanijiet speċifiċi ta' interess ġenerali. Sistemi ta' dan it-tip huma komuni fir-rigward ta' frekwenzi ta' xandir terrestri fejn jaqdu għanijiet ta' pluraliżmu medjatiku.*

**Emenda 13**
**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 59**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (59) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttivi ta’ Qafas, dwar l-Aċċess u dwar l-Awtorizzazzjoni għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni. | (59) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttivi ta’ Qafas, dwar l-Aċċess u dwar l-Awtorizzazzjoni għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni. ***Miżuri ta' implimentazzjoni ta' dan it-tip m'għandhomx jinterferixxu ma' l-għanijiet tal-politika kulturali u medjatika kif definiti mill-Istati Membri bi qbil ma' dawk id-Direttivi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-salvagwardja proposta hi essenzjali fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni estiżi mogħtija lill-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikulari dawk fl-Artikoli 9c u 19 tad-Direttiva ta' Qafas, fl-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar l-Aċċess u fl-Artikolu 6a tad-Direttiva dwar l-Awtorizzazzjoni.*

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 60**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (60) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta miżuri ta’ implimentazzjoni rigward in-notifiki skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva ta’ Qafas; rigward l-armonizzazzjoni ***fl-oqsma*** ta’ ***l-*** | (60) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta miżuri ta’ implimentazzjoni rigward in-notifiki skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva ta’ Qafas; rigward l-armonizzazzjoni ***fil-qasam*** ta’ l- |

***ispettru u*** l-għoti ta' numri kif ukoll f'kwistjonijiet marbutin mas-sigurtà tan-netwerks u tas-servizzi; rigward l-identifikazzjoni ta' swieq transkonfinali; rigward l-implimentazzjoni ta' l-istandards; u rigward l-applikazzjoni armonizzata tad-dispożizzjonijiet tal-qafas regolatorju. ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa wkoll li tadotta miżuri ta' implimentazzjoni biex taġġorna l-Anness I u II tad-Direttiva ta' l-Aċċess għas-suq u għall-iżviluppi teknoloġiċi, kif ukoll biex tadotta miżuri ta' implimentazzjoni biex tarmonizza r-regoli, il-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tan-netwerks u tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.*** Peress li dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsubin biex jikkompletaw din id-Direttiva biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju li jipprovdi għaliha l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE. ***Fejn, minħabba raġunijiet ta' urġenza assoluta, il-limiti normali ta' żmien għal din il-proċedura ma jistgħux ikunu osservati,*** il-Kummissjoni ***għandu jkollha s-setgħa li tuża l-proċedura ta' urġenza li jipprovdi għaliha l-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq,***

għoti ta' numri kif ukoll fi kwistjonijiet marbutin mas-sigurtà tan-netwerks u tas-servizzi; rigward l-identifikazzjoni ta' swieq transkonfinali; rigward l-implimentazzjoni ta' l-istandards; u rigward l-applikazzjoni armonizzata tad-dispożizzjonijiet tal-qafas regolatorju. Peress li dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsubin biex jikkompletaw din id-Direttiva biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju li jipprovdi għaliha l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE. ***Meta jitqies li l-applikazzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju fi żmien l-iskadenzi normali tista', f'ċertu sitwazzjonijiet eċċezzjonali, twaqqaf l-adozzjoni f'waqtha tal-miżuri ta' implimentazzjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u*** l-Kummissjoni ***għandhom jieħdu azzjoni rapida biex jiżguraw l-adozzjoni f'waqtha ta' dawk il-miżuri.***

*Ġustifikazzjoni*

*Din hija meħtieġa biex tiżgura l-konsistenza legali ma' l-emendi proposti għal artikolu ġdid 8a tad-Direttiva ta' Qafas u emendi proposti skond l-Artikolu 6a tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni. Il-miżuri ta' awtorizzazzjoni li jżidu proposti ġodda essenzjali għall-qafas regolatorju jridu jkunu ttrattati fl-ambitu ta' proposta leġiżlattiva. Elementi mhux essenzjali biss jistgħu jkunu suġġetti għall-Proċedura ta' Kumitoloġija. Għal raġunijiet ġustifikati u imperattivi ta' urġenza, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jaġixxu b'mod rapidu biex jiżguraw l-adozzjoni f'waqtha tal-Kumitoloġija.*

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 60 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(60a) L-attivitajiet li jsiru skond din id-Direttiva għandhom iqisu l-ħidma ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali li titratta l-ġestjoni ta' l-ispettru tar-radju, pereżempju l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU) u l-Konferenza Ewropea ta' l-Amministrazzjonijiet tal-Posta u tat-Telekomunikazzjonijiet (CEPT), biex jiġu żgurati l-ġestjoni effiċjenti u l-armonizzazzjoni ta' l-użu ta' l-ispettru fil-Komunità kollha. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jirrikonoxxu l-kontenut ta' ftehimiet internazzjonali li jkunu daħlu għalihom l-Istati Membri skond ir-Regolamenti għar-Radju ta' l-ITU fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Ewropa mhix gżira. Ma tistax tiġi injorata l-importanza ta' l-ITU biex tistabbilixxi regolamenti li jorbtu fid-dinja kollha rigward l-użu effiċjenti ta' l-ispettru u l-użu ta' orbiti bbażati fuq l-utilizzazzjoni effiċjenti, razzjonali u effettiva meta mqabbla ma' l-ispejjeż. In-natura li torbot tar-regoli ta' l-ITU (fuq Stati Membri ta' l-ITU li huma fl-UE u fuq dawk li m'humiex) u l-kompatibilità tad-Direttiva magħhom iridu jiġu indirizzati espressament.*

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – punt e**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 2 - punt s

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (s) "interferenza li tagħmel il-ħsara" tfisser interferenza li tipperikola t-tħaddim ta' servizz tar-radju għat-tbaħħir jew ta' servizzi oħra tas-sigurtà jew li b'xi mod | (s) "interferenza li tagħmel il-ħsara" tfisser interferenza li tipperikola t-tħaddim ta' servizz tar-radju għat-tbaħħir jew ta' servizzi oħra tas-sigurtà jew li b'xi mod |

| | |
|---|---|
| ieħor tiddegrada serjament, tfixkel jew *titterromp*i b'mod irrepetut servizz tal-komunikazzjoni bir-radju li jkun jopera skond ir-regolamenti tal-Komunità jew nazzjonali li jkunu japplikaw. | ieħor tiddegrada serjament, tfixkel jew *tinterrompi* b'mod irrepetut servizz tal-komunikazzjoni bir-radju li jkun jopera skond ir-regolamenti tal-Komunità jew nazzjonali li jkunu japplikaw ***u skond il-pjanijiet għall-frekwenzi miftiehma internazzjonalment.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba s-serjetà tal-problemi ta' interferenza bejn is-servizzi ta' xandir u s-servizzi 'two-way' (li jirċievu u jittrażmettu), hu essenzjali biex tingħata protezzjoni għas-servizzi ta' xandir diġitali kontra interferenza li tagħmel ħsara, b'konformità mal-pjanijiet għall-frekwenzi miftiehma internazzjonalment, u partikularment mal-Pjan ta' Ġinevra ta' l-ITU (GE-O6). Id-definizzjoni ta' interferenza li tagħmel ħsara għandha tiġi emendata biex tirrifletti dan.*

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 6 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għajr f'każijiet li jaqgħu taħt l-Artikoli 7(10), 20, jew 21, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor fil-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skond l-Artikolu 9c, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkun biħsiebhom jieħdu miżuri skond din id-Direttiva jew id-Direttivi Speċifiċi li jkollhom impatt sinifikanti fuq is-suq rilevanti, ***jew fejn ikun biħsiebhom jipprovdu għal restrizzjonijiet skond l-Artikolu 9(3) u 9(4),*** huma jagħtu lill-partijiet ikkonċernati l-opportunità li jikkummentaw fuq l-abbozz ta' miżura fi żmien raġonevoli. | Għajr f'każijiet li jaqgħu taħt l-Artikoli 7(10), 20, jew 21, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor fil-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skond l-Artikolu 9c, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkun biħsiebhom jieħdu miżuri skond din id-Direttiva jew id-Direttivi Speċifiċi li jkollhom impatt sinifikanti fuq is-suq rilevanti, huma jagħtu lill-partijiet ikkonċernati l-opportunità li jikkummentaw fuq l-abbozz ta' miżura fi żmien raġonevoli. |

*Ġustifikazzjoni*

*Qed ikun propost li kemm il-valur ekonomiku u kemm dak pubbliku ta' l-ispettru jkun meqjus b'mod ibbilanċjat sabiex ikun immaniġġjat b'mod effiċjenti. L-assenjazzjoni ta' parti mill-ispettru biex tissodisfa għanijiet ta' interess ġenerali għalhekk ma tikkostitwixxix restrizzjoni jew eċċezzjoni mill-prinċipju propost tan-newtralità tas-servizz iżda tikkumplementaha.*

*Għalhekk mhux iġġustifikat li jkunu imposti proċeduri ta' konsultazzjoni addizzjonali.*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 7 – paragrafu 4 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) timponi, temenda jew tirtira obbligu minn fuq l-operatur bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 16, flimkien ***ma’ l-Artikoli 5*** u 9 sa 13 tad-Direttiva 2002/19/KE (Direttiva dwar l-Aċċess), u l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2002/22/KE (Direttiva dwar is-Servizz Universali), | (c) timponi, temenda jew tirtira obbligu minn fuq l-operatur bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 16, flimkien ***mal-paragrafi 1(a), 2, 3 u 4 ta' l-Artikolu 5*** u ***l-Artikoli*** 9 sa 13 tad-Direttiva 2002/19/KE (Direttiva dwar l-Aċċess), u l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2002/22/KE (Direttiva dwar is-Servizz Universali), |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri li jaqgħu taħt il-paragrafu 5 (1) b tad-Direttiva 2002/199 (Id-Direttiva ta' Aċċess) jimmiraw biex iżommu l-pluraliżmu medjatiku u d-diversità kulturali fil-qasam tat-televiżjoni diġitali u għalhekk jaqgħu biċ-ċar fi ħdan il-kompetenza ta' l-Istati Membri.*

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8 – punt e**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt g

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) l-applikazzjoni tal-prinċipju li l-utenti aħħarija għandu jkollhom il-libertà ta’ aċċess għal *kull kontenut legali*, ***tat-tqassim tiegħu****, u ta’ l-użu ta’* kull applikazzjoni u/jew servizz legali li jagħżlu huma. | *(g)* l-applikazzjoni tal-prinċipju li l-utenti aħħarija għandu jkollhom il-libertà ta’ aċċess għal kull applikazzjoni u/jew servizz legali li jagħżlu huma. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-fatt li jissemma' t-tqassim joħloq konfużjoni peress li d-dispożizzjoni tad-Direttiva tista' tiġi interpretata li qed toħloq dritt ġdid għall-utenti li jikkomunikaw pubblikament kontenut legali, dritt li skond il-liġi tal-proprjetà intellettwali hu esklussivament tad-detentur tad-dritt jew ta'*

*terza persuna awtorizzata minnu.*

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8 – punt e**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt g a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) l-iżgurar tal-koperazzjoni ta' l-impriżi li jipprovdu netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ma' l-oqsma kkonċernati għall-iskop tal-ħarsien u l-promozzjoni ta' kontenut legali trażmess fuq netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8 a (ġdid)**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 8 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 8a*** |
| | ***Il-koordinazzjoni tal-politiki dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw bejniethom u mal-Kummissjoni fl-ippjanar strateġiku u l-armonizzazzjoni ta' l-użu tal-frekwenzi tar-radju fil-Komunità. Huma għandhom jiżguraw il-koerenza ta' l-approċċi rigward il-politika dwar l-ispettru ma' politiki oħra nazzjonali jew ta' l-UE bħall-politika dwar il-midja.*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni ta' l-approċċi tal-politika u, fejn ikun xieraq, kundizzjonijiet*** |

***armonizzati rigward id-disponibilità u l-użu effiċjenti ta' l-ispettru meħtieġa għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern skond kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, politiċi, kulturali, ta' saħħa u soċjali marbuta ma' l-użu ta' l-ispettru tar-radju.***

***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-provvista koordinata u f'waqtha tat-tagħrif rigward l-allokazzjoni, id-disponibilità u l-użu tal-frekwenzi tar-radju fil-Komunità.***

***4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni effettiva ta' l-interessi tal-Komunità fl-organizzazzjonijiet internazzjonali fejn l-użu ta' l-ispettru tar-radju jaffettwa l-politiki tal-Komunità.***

***5. Kumitat għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (l-"RSPC") qed jitwaqqaf hawnhekk sabiex jikkontribwixxi biex ikunu ssodisfati l-objettivi stipulati fil-paragrafi 1 sa 4. L-RSPC għandu jipprovdi pariri lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-politika dwar l-ispettru tar-radju. L-RSPC għandu jkun magħmul minn rappreżentant ta' livell għoli wieħed minn kull awtorità regolatorja nazzjonali responsabbli mill-politika dwar l-ispettru tar-radju u/jew mir-regolamentazzjoni tal-midja f'kull Stat Membru. Il-Kummissjoni għandha tkun membru mingħajr vot.***

***6. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, jew fuq inizjattiva tiegħu stess, l-RSPC għandu jadotta opinjonijiet permezz ta' maġġoranza kwalifikata. Kull Stat Membru għandu jkollu vot wieħed u l-Kummissjoni m'għandiex tivvota.***

***7. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis sew l-opinjoni ta' l-RSPC, għandha tfassal kull tliet snin għanijiet ta' politika komuni u toħroġ linji gwida li ma jorbtux għall-iżvilupp ta' politika Komunitarja dwar l-***

| | |
|---|---|
| | ***ispettru.***<br>***8. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis sew l-opinjoni ta' l-RSPC, tista' tipproponi miżuri leġiżlattivi sabiex tissodisfa l-għanijiet politiċi komuni msemmija fil-paragrafu 7.***<br>***9. Kull meta jkun neċessarju sabiex tkun żgurata koordinazzjoni effettiva ta' l-interessi Komunitarji f'organizzazzjonijiet internazzjonali, il-Kummissjoni, bi qbil ma' l-RSPC, tista' tipproponi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mandat ta' negozjar.***<br>***10. L-RSPC għandu jissottometti rapport annwali ta' l-attività lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill."*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***L-***Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġestjoni effettiva tal-frekwenzi tar-radju għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika fit-territorju tagħhom skond l-Artikolu 8. Għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni u l-assenjazzjoni tal-frekwenzi tar-radju mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti, proporzjonati u mhux diskriminatorji. | ***1. Ladarba l-frekwenzi tar-radju huma beni pubbliċi b'valur soċjali kulturali u ekonomiku importanti, l-***Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġestjoni effettiva tal-frekwenzi tar-radju għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika fit-territorju tagħhom skond l-Artikolu 8. Għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni u l-assenjazzjoni tal-frekwenzi tar-radju mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti, proporzjonati u mhux diskriminatorji. |

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemm l-ebda dubju li l-ispettru tar-radju huwa riżorsa skarsa. Kemm il-valur ekonomiku u kemm dak pubbliku tiegħu għandhom jitqiesu fid-dawl ta' dan u b'mod bilanċjat, sabiex ikun immaniġġjat b'mod effiċjenti.*

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***ikun hemm konformità ma' restrizzjoni*** skond il-paragrafu 4 hawn taħt. | (d) ***jissodisfaw għan ta' interess ġenerali*** skond il-paragrafu 4 hawn taħt. |

*Ġustifikazzjoni*
*Meħtieġa sabiex tiżgura l-koerenza fil-kliem ma' l-emendi ssuġġeriti fl-Artikolu 9(4) tad-Direttiva ta' Qafas.*

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Sakemm ma jipprovdux mod ieħor it-tieni subparagrafu jew il-miżuri adottati skond il-paragrafu 9c, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tipi kollha ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika jistgħu jkunu pprovduti fil-meded tal-frekwenzi tar-radju ***miftuħa għall-komunikazzjoni*** *elettronika*. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal ***restrizzjonijiet*** proporzjonati u mhux diskriminatorji ***fuq it***-tipi ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika li se jkunu pprovduti. | 4. Sakemm ma jipprovdux mod ieħor it-tieni subparagrafu jew il-miżuri adottati skond il-paragrafu 9c, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tipi kollha ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika jistgħu jkunu pprovduti fil-meded tal-frekwenzi tar-radju ***disponibbli għal servizzi ta' komunikazzjonijiet*** *elettroniċi* ***kif identifikati fit-tabelli nazzjonali tagħhom ta' l-allokazzjoni tal-frekwenzi u r-Regolamenti ta' l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet (ITU) għar-Radju.*** Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal ***miżuri*** proporzjonati u mhux diskriminatorji ***għat***-tipi ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika li se jkunu pprovduti. |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Restrizzjonijiet*** li jirrikjedu li servizz ikun provdut f'medda speċifika għandhom ikunu ġġustifikati biex jiżguraw il-ksib ta' għan ta' interess ġenerali f'konformità mal-liġi Komunitarja, pereżempju s-sikurezza tal-ħajja, il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, reġjunali jew territorjali, il-prevenzjoni mill-użu ineffiċjenti tal-frekwenzi tar-radju, jew, kif iddefinit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali skond il-liġi Komunitarja, il-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u l-pluraliżmu tal-midja. | ***Miżuri*** li jirrikjedu li servizz ***ta' komunikazzjonijiet elettroniċi*** jkun provdut f'medda speċifika għandhom ikunu ġġustifikati biex jiżguraw il-ksib ta' għan ta' interess ġenerali ***definit fil-liġi nazzjonali*** f'konformità mal-liġi Komunitarja, pereżempju s-sikurezza tal-ħajja, il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, reġjunali jew territorjali, il-prevenzjoni mill-użu ineffiċjenti tal-frekwenzi tar-radju, jew, kif iddefinit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali skond il-liġi Komunitarja, il-promozzjoni ***ta' għanijiet kulturali u tal-politika medjatika bħad***-diversità kulturali u lingwistika u l-pluraliżmu tal-midja. |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Restrizzjoni*** li tipprojbixxi l-provvista ta' kull servizz ieħor f'medda speċifika tista' tkun applikata biss meta r-restrizzjoni tkun iġġustifikata mill-ħtieġa li jkunu protetti servizzi tas-sikurezza tal-ħajja. | ***Miżura*** li tipprojbixxi l-provvista ta' kull servizz ieħor ta' ***komunikazzjoni elettronika*** f'medda speċifika tista' tkun applikata biss meta r-restrizzjoni tkun iġġustifikata mill-ħtieġa li jkunu protetti servizzi tas-sikurezza tal-ħajja ***jew biex tkun evitata interferenza dannuża.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jirrevedu regolarment il-ħtieġa tar-***restrizzjonijiet*** imsemmija fil-paragrafi 3 u 4. | 5. L-Istati Membri għandhom jirrevedu regolarment il-ħtieġa ta' ***objettivi ta' interess ġenerali*** imsemmija fil-paragrafi 3 u 4. |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 – paragrafu 5 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Hija f'idejn l-Istati Membri l-kompetenza li jiddefinixxu l-ambitu, in-natura u u t-tul ta' żmien ta' miżuri maħsuba għall-promozzjoni ta' għanijiet politiċi kulturali u medjatiċi bħad-diversità kulturali u lingwistika kif ukoll il-pluraliżmu fil-midja, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jerġa' jipproponi emenda 16: il-kelma "restrizzjonijiet" hija mibdula għal "miżuri" biex tkun żgurata l-koerenza fil-vokabolarju ma' l-emendi ssuġġeriti fl-Artikolu 9.4 tad-Direttiva ta' Qafas.*

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10**
Direttiva 2002/21/KE
Atikolu 9 a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fejn id-detentur ta' drittijiet imsemmi fil-paragrafu 1 huwa fornitur ta' servizzi ta' kontenut għax-xandir fuq ir-radju jew | 2. Fejn id-detentur ta' drittijiet imsemmi fil-paragrafu 1 huwa fornitur ta' servizzi ta' kontenut għax-xandir fuq ir-radju jew |

| | |
|---|---|
| fuq it-televiżjoni, u fejn id-dritt għall-użu tal-frekwenzi tar-radju ngħata għall-ksib ta' għan speċifiku ta' interess ġenerali, ***applikazzjoni għal reviżjoni tista' ssir biss fir-rigward*** tal-parti tal-frekwenzi tar-radju li hija meħtieġa għall-ksib ta' dak il-għan. Il-parti tal-frekwenzi tar-radju li ma ***tibqax*** meħtieġa għall-ksib ta' dak il-għan ***minħabba l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9(3) u (4)*** għandha tkun soġġetta għal proċedura ġdida ta' assenjazzjoni, skond l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva ta' l-Awtorizzazzjoni. | fuq it-televiżjoni, u fejn id-dritt għall-użu tal-frekwenzi tar-radju ngħata għall-ksib ta' għan speċifiku ta' interess ġenerali, ***inkluża l-provvista ta' servizzi tar-radju u tax-xandir***, ***id-dritt għall-użu*** tal-parti tal-frekwenzi tar-radju li hija meħtieġa għall-ksib ta' dak il-għan ***għandu jibqa' l-istess sakemm jiskadi.*** Il-parti tal-frekwenzi tar-radju li ***tista'*** ma tibqax meħtieġa għall-ksib ta' dak il-għan għandha tkun inkluża fi proċedura ġdida ta' assenjazzjoni skond ***l-Artikolu 9(3) u (4) ta' din id-Direttiva*** u l-Artikolu 7(2) ***tad-Direttiva 2002/20/KE*** (id-Direttiva ta' l-Awtorizzazzjoni). |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 b– paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi jkunu jistgħu jittrasferixxu jew jikru lil impriżi oħra d-drittijiet individwali għall-użu ta' frekwenzi tar-radju fil-meded li jkunu jipprovdu għalihom il-miżuri ta' implimentazzjoni skond il-paragrafu 9c ***mingħajr il-kunsens minn qabel ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali.*** | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi jkunu jistgħu jittrasferixxu jew jikru lil impriżi oħra d-drittijiet individwali għall-użu ta' frekwenzi tar-radju fil-meded li fir-rigward tagħhom hekk hu maħsub fil-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skond l-Artikolu 9c, ***dejjem jekk it-trasferiment jew il-kirja jkunu f'konformità mal-proċeduri nazzjonali u jekk din il-bidla ma taffettwax is-servizz ipprovdut f'dik il-medda tal-frekwenza.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 c - paragrafu 1 – kliem ta' introduzzjoni

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq intern, fl-osservanza tal-prinċipji ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni xierqa biex: | Sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq intern, ***u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8a***, sabiex jiġu osservati l-prinċipji ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri ***tekniċi*** ta' implimentazzjoni xierqa biex: |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 c – paragrafu 1 – punt a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) ikunu armonizzati r-regoli marbuta mad-disponibilità u l-użu effiċjenti tal-frekwenzi tar-radju skond l-Artikolu 9;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konsistenza legali għandha tkun żgurata bl-Artikolu 8a (ġdid) u d-definizzjoni tan-newtralità tas-servizz u t-teknoloġija bl-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva. Anki, il-konsistenza legali teħtieġ tkun żgurata bid-Deċiżjoni ta' l-Ispettru tar-Radju (676/2002/Kummissjoni), b'mod partikulari fir-rigward ta' l-ambitu ta' l-artikolu li jikkonċerna l-miżuri ta' implimentazzjoni tekniċi u l-għanijiet ta' interess ġenerali (ġdid (d) li jikkorrispondu għal Artikolu 1 paragrafu 4 tad-Deċiżjoni ta' l-Ispettru).*

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 c – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-aa) tkun żgurata l-provvista koordinata u f'waqtha tat-tagħrif rigward l-allokazzjoni, id-disponibilità u l-użu tal-frekwenzi tar-radju;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti biex tinkiseb il-koerenza u l-konsistenza li l-miżuri ta' armonizzazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni ta' l-ispettru jkunu miġbura flimkien u mhux maqsuma fuq żewġ oqsfa legali differenti (Id-Direttiva ta' Qafas u d-Deċiżjoni ta' l-Ispettru tar-Radju).*

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 c – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) tkun armonizzata l-identifikazzjoni*** tal-meded li d-drittijiet għall-użu tagħhom jistgħu jkunu ttrasferiti jew mikrija bejn l-impriżi; | (a) ***l-identifikazzjoni*** tal-meded li d-drittijiet għall-użu tagħhom jistgħu jkunu ttrasferiti jew mikrija bejn l-impriżi, ***mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9b(1), esklużi l-frekwenzi tar-radju maħsuba mill-Istati Membri biex jintużaw għal servizzi ta' xandir;*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 c – paragrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) toħloq eċċezzjoni għall-prinċipju tan-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizz, kif ukoll tarmonizza l-ambitu u n-natura ta' kwalunkwe eċċezzjoni għal dawn il-prinċipji skond l-Artikolu 9(3) u (4) għajr dawk immirati biex jiżguraw il-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u l-pluraliżmu tal-midja.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konsistenza legali għandha tkun żgurata bl-Artikolu 8a (ġdid) u d-definizzjoni tan-newtralità tas-servizz u t-teknoloġija bl-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva. Anki, il-konsistenza legali teħtieġ tkun żgurata bid-Deċiżjoni ta' l-Ispettru tar-Radju (676/2002/Kummissjoni),*

*b'mod partikulari fir-rigward ta' l-ambitu ta' l-artikolu li jikkonċerna l-miżuri ta' implimentazzjoni tekniċi u l-għanijiet ta' interess ġenerali (ġdid (d) li jikkorrispondu għal Artikolu 1 paragrafu 4 tad-Deċiżjoni ta' l-Ispettru).*

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 c – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-miżuri mehuda f'livell Komunitarju u nazzjonali, biex jinkisbu l-għanijiet ta' interess ġenerali, b'mod partikulari l-għanijiet ta' interess ġenerali marbuta mar-regolamentazzjoni tal-kontenut u l-politika ta' l-awdjoviżwal.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9 c – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jikkompletawha, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22(3). ***F'każijiet ta' urġenza assoluta, il-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 22(4).*** Fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni ***tista'*** tkun megħjuna mill-***Awtorità skond l-Artikolu 10 tar-Regolament […/KE].*** | Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jikkompletawha, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22(3). Fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ***ta' punti (a) u (c)*** ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni ***tista'*** tkun megħjuna mill-***RSPC.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konsistenza legali għandha tkun żgurata bl-Artikolu 8a (ġdid) u d-definizzjoni tan-newtralità tas-servizz u t-teknoloġija bl-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva. Anki, il-konsistenza legali teħtieġ tkun żgurata bid-Deċiżjoni ta' l-Ispettrum tar-Radju (676/2002/Kummissjoni), b'mod partikulari fir-rigward ta' l-ambitu ta' l-artikolu li jikkonċerna l-miżuri ta' implimentazzjoni tekniċi u l-għanijiet ta' interess ġenerali (ġdid (d) li jikkorrispondu għal Artikolu 1 paragrafu 4 tad-Deċiżjoni ta' l-Ispettrum).*

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 9c a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9c a*** |
| | ***Ir-relazzjoni bejn din id-Direttiva u l-ftehimiet internazzjonali u l-organizzazzjonijiet*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-iżviluppi fir-rigward ta' l-ispettru tar-radju f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluża l-ITU, li jista' jkollhom implikazzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kull diffikultà maħluqa, de jure jew de facto, minn ftehimiet internazzjonali eżistenti, jew ftehimiet ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluża l-ITU, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.*** |
| | ***3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta b'mod regolari dwar ir-riżultati ta' l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 lill-Parlament u lill-Kunsill u tista', fejn xieraq, tipproponi miżuri bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-prinċipji u l-għanijiet ta' din id-Direttiva. Meta jkun*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***hemm bżonn, għandhom jinftehmu għanijiet ta' politika komuni biex tkun żgurata l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri.*** |
|  | ***4. Miżuri li jittieħdu skond dan l-Artikolu għandhom ikunu bla ħsara għad-drittijiet u l-obbligi tal-Komunità u ta' l-Istati Membri skond il-ftehimiet internazzjonali relevanti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Ewropa m'hijiex gżira iżolata. In-natura li torbot tar-regoli ta' l-ITU (fuq Stati Membri ta' l-ITU li huma fl-UE u fuq dawk li m'humiex) u l-kompatibilità tad-Direttiva magħhom iridu jiġu indirizzati espressament. Sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti ta' l-ispettru, hu essenzjali li l-operaturi jikkonformaw mal-proċeduri ta' reġistrazzjoni u koordinazzjoni skond ir-regoli u l-proċeduri li jorbtu internazzjonalment ta' l-ITU sabiex jiġi żgurat li netwerk jew sistema tkun tista' tiġi koordinata u tibda tintuża b'suċċess.*

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 11 – punt b**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jikkompletawha, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22(3). ***F'każijiet ta' urġenza assoluta, il-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 22(4).*** | Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jikkompletawha, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22(3). |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proċedura ta' urġenza mhijiex iġġustifikata għall-adozzjoni ta' dawn it-tip ta' miżuri.*

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 2 – punt 3 – punt a**
Direttiva 2002/19/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dawn il-proċeduri ma għandhomx japplikaw għal paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri li jaqgħu taħt paragrafu 5 (1) b tad-Direttiva 2002/199 (Id-Direttiva ta' Aċċess) jimmiraw biex iżommu l-pluraliżmu medjatiku u d-diversità kulturali fil-qasam tat-televiżjoni diġitali u għalhekk jaqgħu biċ-ċar fi ħdan il-kompetenza ta' l-Istati Membri.*

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – punt 3**
Direttiva 2002/20/KE
Artikolu 5 - paragrafu 1 – kliem ta' introduzzjoni

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri ***m'għandhomx jagħmlu l-użu tal-frekwenzi tar-radju soġġett għall-għoti tad-drittijiet individwali għall-użu iżda għandhom jinkludu l-kundizzjonijiet*** għall-użu ta' ***dawn*** il-frekwenzi tar-radju ***fl-***awtorizzazzjoni ġenerali, ***sakemm ma jkunx iġġustifikat li*** jingħataw id-drittijiet individwali sabiex: | 1. L-Istati Membri għandhom ***jiffaċilitaw l-***użu tal-frekwenzi tar-radju ***skond*** l-awtorizzazzjoni ġenerali. ***L-Istati Membri jistgħu*** jagħtu drittijiet individwali sabiex: |

*Ġustifikazzjoni*

*Għalkemm l-awtorizzazzjonijiet ġenerali jistgħu jkunu soluzzjoni vijabbli fit-tul meta tkun żviluppata t-teknoloġija li tevita l-problemi ta' interferenza, l-għoti ta' liċenzji individwali għandhom ikomplu jkunu l-proċedura normali għall-allokazzjoni ta' l-ispettru.*

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – punt 3**
Direttiva 2002/21/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ikun evitat riskju ***serju*** ta' interferenza li tagħmel il-ħsara; jew | (a) ikun evitat ***ir-***riskju ta' interferenza li tagħmel il-ħsara; jew |

*Ġustifikazzjoni*

*Kwalunkwe riskju ta' "interferenza li tagħmel ħsara" huwa "riskju serju".*

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – punt 3**
Direttiva 2002/20/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr ħsara għal kriterji speċifiċi ddefiniti ***bil-quddiem*** mill-Istati Membri għall-għoti ta' drittijiet għall-użu ta' frekwenzi tar-radju lil *provvedituri* ta' servizzi ta' kontenut għax-***xandir*** fuq ir-radju jew it-televiżjoni bil-għan li jintlaħqu għanijiet ta' interess ġenerali skond il-liġi Komunitarja, tali drittijiet ta' użu għandhom jingħataw permezz ta' proċeduri oġġettivi, trasparenti, proporzjonali u mhux diskriminatorji, u, fil-każ tal-frekwenzi tar-radju, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva ta' Qafas). ***Il-proċeduri għandhom ukoll ikunu miftuħa, għajr għal każijiet fejn l-għoti tad-drittijiet individwali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju lil provveduturi ta' servizzi ta' kontenut għax-xandir fuq ir-radju jew it-televiżjoni jista' jintwera li huwa essenzjali biex jissodisfa obbligu partikolari li l-Istat Membru jkun*** | Mingħajr ħsara għal kriterji speċifiċi ***u l-proċeduri*** ddefiniti mill-Istati Membri għall-għoti ta' drittijiet għall-użu ta' frekwenzi tar-radju lil *fornituri* ta' servizzi ta' kontenut ***għax-xandir*** fuq ir-radju jew it-televiżjoni bil-għan li jintlaħqu għanijiet ta' interess ġenerali skond il-liġi Komunitarja, tali drittijiet ta' użu għandhom jingħataw permezz ta' proċeduri oġġettivi, trasparenti, proporzjonali u mhux diskriminatorji, u, fil-każ tal-frekwenzi tar-radju, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21/KE (id-Direttiva ta' Qafas). |

***iddefinixxa minn qabel bħala meħtieġ biex jinkiseb interess ġenerali skond il-liġi Komunitarja.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tikkorrispondi għad-direttiva li hija attwalment fis-seħħ u li wriet li hija funzjonali u effiċjenti.*

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – punt 3**
Direttiva 2002/20/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kull*** dritt individwali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju ***li*** jingħata għal għaxar snin jew iktar, u li ma jistax ikun ittrasferit jew mikri bejn l-impriżi skond l-Artikolu ***9*** tad-Direttiva ta' Qafas, ***għandu, kull ħames snin u l-ewwel darba ħames snin wara l-għoti tiegħu, ikun soġġett għal reviżjoni fid-dawl tal-kriterji tal-paragrafu 1. Jekk*** il-kriterji biex jingħataw id-drittijiet individwali għall-użu ma jkunux japplikaw iżjed, id-dritt individwali għall-użu għandu jinbidel f'awtorizzazzjoni ġenerali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju, soġġett għall-avviż minn qabel ***ta' mhux iktar minn ħames snin mill-għeluq ta' l-eżami mill-ġdid***, jew għandu jkun jista' jiġi ttrasferit jew mikri bla tfixkil bejn l-impriżi. | ***Kull*** dritt individwali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju ***li*** jingħata għal għaxar snin jew iktar, ***u li*** ma jistax ikun ittrasferit jew mikri bejn l-impriżi skond l-Artikolu ***9b*** tad-Direttiva ta' Qafas, ***għandu, kull għaxar snin u għall-ewwel darba f'għaxar snin wara l-għoti tiegħu, ikun soġġett għal reviżjoni fid-dawl tal-kriterji tal-paragrafu 1. Jekk*** il-kriterji biex jingħataw id-drittijiet individwali għall-użu ma jkunux japplikaw iżjed, id-dritt individwali għall-użu għandu jinbidel f'awtorizzazzjoni ġenerali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju, soġġett għall-avviż minn qabel ***ta' mhux iktar minn għaxar snin mill-għeluq ta' l-eżami mill-ġdid***, jew għandu jkun jista' jiġi ttrasferit jew mikri bla tfixkil bejn l-impriżi. ***Meta tkun qed tittieħed deċiżjoni ta' dan it-tip, għandu jitqies b'mod adattat il-bżonn li jitħalla perjodu xieraq għall-amortizzament ta' l-investiment.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Għal ħafna pjattaformi u servizzi, se jkun hemm bżonn li l-investiment jiġi amortizzat fuq perjodu ta' aktar minn għaxar, jew fi kwalunkwe każ, ħames snin. Wieħed sikwit ikollu jara telf sostanzjali waqt l-ewwel sentejn ta' l-operazzjoni. Ikun sproporzjonat jekk jiddaħħal rekwiżit riġidu biex l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jwettqu reviżjoni formali tal-liċenzji*

*kollha għal xandir fuq spettru kull ħames snin.*

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – punt 5**
Direttiva 2002/20/KE
Artikolu 6a - paragrafu 1 – kliem ta' introduzzjoni

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 1, u*** mingħajr ħsara għall-***Artikolu 5(2)*** ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista' ***tadotta miżuri ta' implimentazzjoni biex***: | 1. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 1, u ***mingħajr*** ħsara għall-***Artikolu 5(1) u (2)*** ta' din id-Direttiva ***u għall-Artikoli 8a u 9 tad-Direttiva 2002/21/KE (id-Direttiva ta' Qafas)***, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' implimentazzjoni biex: |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – punt 5**
Direttiva 2002/20/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tidentifika meded tal-frekwenzi tar-radju li l-użu tagħhom se jkun soġġett *għall*-awtorizzazzjonijiet ġenerali ***jew għad-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju;*** | (a) tidentifika meded tal-frekwenzi tar-radju li l-użu tagħhom se jkun soġġett *għal* awtorizzazzjonijiet ġenerali; |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri ta' implimentazzjoni kollha skond l-Artikolu 6a (l-armonizzazzjoni) għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-proċedura ta' urġenza mhijiex iġġustifikata għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri.*

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – punt 5**
Direttiva 2002/20/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) tarmonizza proċeduri għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet ġenerali jew ta' drittijiet individwali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju jew tan-numri;*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri ta' implimentazzjoni kollha skond l-Artikolu 6a (l-armonizzazzjoni) għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-proċedura ta' urġenza mhijiex iġġustifikata għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri.*

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – punt 5**
Direttiva 2002/20/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) tarmonizza l-kundizzjonijiet speċifikati fl-Anness II relatati ma' l-awtorizzazzjonijiet ġenerali jew mad-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju jew tan-numri;*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri ta' implimentazzjoni kollha skond l-Artikolu 6a (l-armonizzazzjoni) għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-proċedura ta' urġenza mhijiex iġġustifikata għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri.*

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – punt 5**
Direttiva 2002/20/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) tipprovdi biex ikunu emendati jew irtirati l-awtorizzazzjonijiet jew id-drittijiet għall-użu u l-proċeduri relatati mal-punt (d);*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri ta' implimentazzjoni kollha skond l-Artikolu 6a (l-armonizzazzjoni) għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-proċedura ta' urġenza mhijiex iġġustifikata għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri.*

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – punt 5**
Direttiva 2002/20/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) tistipula proċeduri għall-għażla ta' l-impriżi li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandha tagħtihom id-drittijiet individwali għall-użu tal-frekwenzi tar-radju jew tan-numri, fejn xieraq skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6b.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri ta' implimentazzjoni kollha skond l-Artikolu 6a (l-armonizzazzjoni) għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-proċedura ta' urġenza mhijiex iġġustifikata għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri.*

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – punt 5**
Direttiva 2002/20/KE
Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-miżuri elenkati ***fil-punti (a) sa (d) u (f)***, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billu jikkompletawha, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14a (3). ***F'każijiet ta' urġenza assoluta, il-Kummissjoni tista' tuża' l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 14a (4).*** | Il-miżuri msemmija ***fl-ewwel subparagrafu***, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jikkompletawha, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14a(3). |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri ta' implimentazzjoni kollha skond l-Artikolu 6a (l-armonizzazzjoni) għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-proċedura ta' urġenza mhijiex iġġustifikata għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri.*

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – punt 5**
Direttiva 2002/20/KE
Artikolu 6b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Il-miżura teknika ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 6a(1)(f) tista' tipprovdi biex l-Awtorità tagħmel proposti għall-għażla ta' impriża jew impriżi li jistgħu jinħarġulhom drittijiet individwali għall-użu ta' frekwenzi tar-radju jew numri, skond l-Artikolu 12 tar-Regolament [..].*** | ***imħassar*** |
| ***F'dawn il-każijiet, il-miżura għandha tispeċifika l-perjodu li fih l-Awtorità għandha tlesti s-selezzjoni, kif ukoll il-proċedura, ir-regoli u l-kundizzjonijiet li japplikaw għall-għażla, u d-dettalji ta' kull ħlas u tariffa li jridu jkunu imposti fuq id-detenturi tad-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju u/jew tan-numri, sabiex ikun żgurat l-aqwa użu tal-frekwenzi tar-radju jew tar-riżorsi ta' l-għoti tan-numri. Il-proċedura ta' l-għażla għandha tkun miftuħa, trasparenti, oġġettiva u mhux diskriminatorja.*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*Proċeduri ta' selezzjoni madwar l-UE għall-ħruġ ta' drittijiet għandhom ikunu soġġetti għal proposti leġiżlattivi speċifiċi mhux Komitoloġija.*

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – punt 5**
Direttiva 2002/20/KE
L-Artikolu 6b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Wara li tagħti l-ikbar kunsiderazzjoni lill-opinjoni ta' l-Awtorità, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżura biex tagħżel l-impriża jew l-impriżi li lilha jew lilhom hija għandha toħroġ id-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju jew tan-numri. Il-miżura għandha tispeċifika ż-żmien li fih dawn id-drittijiet għall-użu għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha taġixxi skond il-proċedura msemmina fl-Artikolu 14a(2).'*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Proċeduri ta' selezzjoni madwar l-UE għall-ħruġ ta' drittijiet għandhom ikunu soġġetti għal proposti leġiżlattivi speċifiċi mhux Komitoloġija.*

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – punt 11**
Direttiva 2002/20/KE
Atikolu 14a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1), (2), (4) u (6) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li tkun ingħatat kunsiderazzjoni lid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.'.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
Artikolu 3 - punt 15
Direttiva 2002/20/KE

Anness II

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(15) L-Anness II il-ġdid, li t-test tiegħu jinsab fl-Anness ta' din id-Direttiva, huwa miżjud.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II**
Direttiva 2002/20/KE
Anness II – punt 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-metodu biex jiġu ddeterminati t-tariffi li għandhom jitħallsu għad-dritt *għall-użu* tal-frekwenzi tar-radju; | (d) il-metodu biex jiġu ddeterminati t-tariffi li għandhom jitħallsu għad-dritt *ta' l-użu* tal-frekwenzi tar-radju, ***bla ħsara għas-sistemi definiti mill-Istati Membri fejn l-obbligu li jitħallsu t-tariffi għall-użu hu sostitwit b'obbligu biex jitwettqu għanijiet speċifiċi ta' interess ġenerali;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri jrid jibqgħalhom il-possibilità li jżommu jew idaħħlu sistemi fejn l-obbligu li jitħallsu miżati għall-użu jiġi sostitwit minn obbligu li jkunu sodisfatti għanijiet speċifiċi ta' interess ġenerali. Sistemi ta' dan it-tip huma komuni fir-rigward ta' frekwenzi ta' xandir terrestri fejn jaqdu għanijiet ta' pluraliżmu tal-midja.*

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Netwerks u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika |
| **Referenzi** | COM(2007)0697 – C6-0427/2007 – 2007/0247(COD) |
| **Kumitat responsabbli** | ITRE |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | CULT<br>10.12.2007 |
| **Rapporteur ta' opinjoni:**<br>Data tal-ħatra | Ignasi Guardans<br>Cambó<br>8.1.2008 |
| **Diskussjoni fil-kumitat** | 6.5.2008 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 3.6.2008 |
| **Riżultat tal-vot finali** | +: 32<br>–: 1<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-vot finali** | Maria Badia i Cutchet, Katerina Batzeli, Ivo Belet, Guy Bono, Nicodim Bulzesc, Marielle De Sarnez, Věra Flasarová, Milan Gaľa, Claire Gibault, Vasco Graça Moura, Lissy Gröner, Christopher Heaton-Harris, Luis Herrero-Tejedor, Ruth Hieronymi, Mikel Irujo Amezaga, Ramona Nicole Mănescu, Manolis Mavrommatis, Marianne Mikko, Ljudmila Novak, Doris Pack, Zdzisław Zbigniew Podkański, Christa Prets, Pál Schmitt, Helga Trüpel, Thomas Wise |
| **Sostitut(i) preżenti għall-vot finali** | Rolf Berend, Victor Boştinaru, Ignasi Guardans Cambó, Gyula Hegyi, Elisabeth Morin, Nina Škottová, Ewa Tomaszewska, Cornelis Visser |

| | |
|---|---|
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-vot finali** | Carlo Fatuzzo, Bilyana Ilieva Raeva |